

# Il-Ħidma tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali (KPP) tal-Isla

MINN STEFAN AZZOPARDI WHITE
SEGRETARJU KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI

Il-festa ta' Marija Bambina reġgħet magħna u reġa' wasal dak iż-żmien tas-sena li fih il-Kunsill Pastorali Parrokkjali (KPP) jagħti ħarsa lejn il-ħidma tiegħu matul din is-sena. Imma qabel kollox ejja naraw daqxejn x'inhu l-Kunsill Pastorali.

Il-KPP iservi erba' funzjonijiet importanti. Huwa jeżamina u jippjana l-proposti mqiegħda quddiemu mill-Kummissjonijiet u gruppi oħra, jevalwa kif imxew il-proġetti u proposti ġodda u jissuġġerixxi tibdil fejn hemm bżonn. Il-KPP għalhekk għandu rwol fundamentali: dak li jagħti pariri siewja lill-Arċipriet, biex dan tal-aħħar ikun jista' jieħu deċiżjonijiet infurmati u skont ix-xewqa tal-parruċċani.

L-istatut tal-2004 li jirregola l-KPP jgħid:

*"...il-Kunsill Pastorali Parrokkjali jilħaq il-ħidma kollha fil-parroċċa billi b'mod ko-responsabbli jistudja, jipprogramma, jesegwixxi u jagħmel evalwazzjoni... Qabel ma jagħti l-parir tiegħu lill-Kappillan, il-K.P.P. irid jara li dan il-parir ikun konklużjoni matura u frott ta' qbil kemm jista' jkun sħiħ fost il-membri."*

Il-KPP jiltaqa' mill-inqas darba fix-xahar u filwaqt li l-ħidma tiegħu tiffoka fuq l-aspett Pastorali fil-parroċċa din ma tistax tinqata' għal kollox minn proġetti oħra li jkunu għaddejin. Anzi huwa d-dover tal-membri tal-KPP li jgħinu fi proġetti li jistgħu direttament jew indirettament jaffettwaw il-pastorali fil-parroċċa.

### IL-KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI: NIXĦTU ĦARSITNA LEJN L-IMGĦODDI

F'Malta l-idea ta' kunsill iffurmat minn qassisin, lajċi u nies reliġjuzi li jgħinu fit-tmexxija tal-knisja bdiet tieħu forma propju hawn l-Isla fl-1935 bl-isforz tal-Arċipriet Ġużeppi Bonanno (1927-1939) u bis-saħħa ta' Dun Ġwann Theuma. Jiġifieri din is-sena l-Kunsill Pastorali jagħlaq tmenin sena minn mindu beda jiffunzjona. Waqt li kien qed jistudja f'Ruma Dun Ġwann Theuma, flimkien ma' Dun Mikiel Azzopardi, kellu ċ-ċans jiltaqa' ma' Mons. Luiġi Civardi, li twieled ġewwa Fossarmato. Kien propju Mons. Civardi li ħareġ bl-idea li jitwaqqaf Kunsill Parrokkjali biex jgħin fl-organizzar ta' xi attivitajiet fil-parroċċa.

Mons. Civardi kien wieħed minn tal-ewwel li sostna li l-Knisja għandha tkun aktar miftuħa għal-lajċi. Huwa kiteb ukoll numru ta' kotba li jitkellmu fuq dan is-suġġett. Fost dawn insibu *Manual of Catholic Action* (1935) u *Apostoli nel Proprio Ambiente* (1939). Mons Civardi tant ħadem fuq din it-tema li ħafna jemmnu li hu kien strumentali biex iwaqqaf lill-ħaddiema, fl-Italja, milli jingħaqdu mar-reġim Komunista fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.



L-Arċipriet Ġużeppi Bonanno



Dun Ġwann Theuma



L-ideat ta' Civardi tant intgħoġbu li fl-1965 (tlett snin wara l-mewt ta' Civardi) fil-Konċilju Vatikan II daħlet l-idea li jiġi ffurmat Kunsill Djoċesan. L-idea kienet li lajċi mid-djoċesi, taħt it-tmexxija tal-Arċisqof, jistgħu jagħtu kontribut fid-deċiżjonijiet li tieħu l-Knisja. Wieħed isib ukoll li fid-Digriet dwar il-Lajċi (par. 26) fil-Kunċilju Vatikan II jissemmew il-Kunsilli Parrokkjali, iżda kien biss bil-liġi Universali tal-Knisja (C.I.C. 536 #2), li ħarġet fl-1983, li l-Kunsilli Pastorali Parrokkjali bdew jieħdu forma kif inhuma llum. Dan ħareġ iktar ċar bl-istruzzjonijiet dwar il-Kunsilli Pastorali li ħarġu fl-1997. Dawn jgħidu hekk

*"Huwa l-Kappillan jew Arċipriet li għandu jmexxi il-Kunsill Parrokkjali. Kull deċiżjoni li tittieħed mill-Kunsill Parrokkjali u li għaliha ma kienx hemm preżenti l-Kappillan jew li saret kontra x-xewqa tal-Kappillan għandha titqies nulla u bla valur."* (Article, 5, § 3)

B'din il-liġi l-Knisja fformalizzat l-Kunsill Pastorali u tatu r-rwol tiegħu bħala organu konsultattiv fi ħdan il-parroċċa.

## IL-KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI LLUM

Il-Kunsill Pastorali huwa ffurmat mill-mexxejja tal-Kummissjonijiet u għaqdiet reliġjuzi fil-parroċċa tagħna. Il-KPP għandu wkoll il-Moderatur u s-Segertarju tiegħu. Il-KPP jaqa' taħt it-tmexxija diretta tal-Arċipriet tal-Isla.

Fil-preżent l-għaqdiet rrappreżentati fil-KPP tal-Isla huma d-Dar tas-Salesjani, il-Kunsill Ekonomiku, il-Kummissjoni Implimentazzjoni tas-Sinodu, il-Kummissjoni Liturġija, il-Kummissjoni Kateketika, il-Kummissjoni Familja, it-Tim tal-Festa, l-Grupp Familji Nsara, il-Leġjun ta' Marija, l-Grupp Karizmatiku *Lumen Christi*, il-Fratellanza tar-Rużarju, il-Fratellanza tal-Kurċifiss, il-M.U.S.E.U.M sezzjoni maskili u femminili u l-Azzjoni Kattolika Fergħat Rġiel u Nisa. Il-Moderatur tal-Kunsill Pastorali huwa s-Sur Lino Zahra.

## SENA TA' ĦIDMA

F' Ottubru li għadda minnbarra evalwazzjoni tal-festa li saret f'Settembru, nbeda x-xogħol fuq Pjan Pastorali ġdid għal parroċċa. F'dan il-pjan titfassal il-ħidma pastorali tal-Parroċċa għal matul is-sena li tkun ġejja. Dan wassal biex f'Diċembru ġiet organizzata l-Assemblea Parrokkjali fejn il-Pjan Pastorali ġie ppreżentat lill-Parroċċa kollha. Riżultat tal-Pjan Pastorali bdiet issir *Lectio Divina* mill-inqas darba fix-xahar. Inbdiet ukoll l-iskema "Addotta xi ħadd fit-talb tiegħek", fejn kull Senglean seta' jikteb l-isem ta' persuna li hu jixtieq joffri għaliha t-talb tiegħu billi jikteb l-isem f'envelop li wara jiġi ssiġillat u dan jitpoġġa f'riġlejn Marija Bambina. F'Settembru li ġej dawn l-envelops ser jinħarqu.

Sadanittant f'Novembru 2014, bis-saħħa tal-Kunsill Pastorali, u bl-għajnuna tal-Azzjoni Kattolika (billi offrew s-Sede bħala post), ġie organizzat il-kors *A Short Course in Parish Ministry*. Dan kien kors qasir fejn Dun Ray Toledo tkellem dwar ir-rwol tal-ħaddiema pastorali fil-parroċċa. Wieħed jista' jgħid b'wiċċu minn quddiem li dan kien suċċess kbir għax aktar minn 60 parteċipant attendew għal dawn il-laqgħat.

Minbarra dan il-kors, saru wkoll numru ta' laqgħat bejn l-Arċipriet u s-sezzjonijiet kollha tal-voluntiera fil-parroċċa. Waqt dawn il-laqgħat ġew identifikati problemi li seta' kien hemm u ġie ċċarat ix-xogħol ta' kull wieħed u waħda mill-voluntiera. Dan kollu sar għax inħasset il-ħtieġa li l-knisja tal-Isla tibda tissaħħaħ minn



*Il-membri tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali*

ġewwa biex tkun tista' tiġbed lejha dawk il-parruċċani li għal xi raġuni jew oħra inqatgħu minnha. Fl-istess waqt ġie *updated* r-reġistru tal-voluntiera kollha li hawn fl-għaqdiet kollha fil-parroċċa. Kien proċess twil iżda li fl-aħħar ġie fi tmiemu.

Iżda l-ħidma ma saritx biss fuq l-aspett uman, imma nbdew numru ta' proġetti ġodda maħsubin biex nerġgħu nagħtu nifs ġdid lill-Bażilika tagħna.

## PROĠETTI KURRENTI

Preżentament hemm numru sew ta' proġetti kapitali għaddejjin fi ħdan il-parroċċa bl-iskop doppju li din terġa tqajjem is-saħħa u l-enerġija f'dawk il-parruċċani li llum m'għadhomx iħarsu lejn il-knisja bl-interess ta' qabel. Jien inħobb inqabbel dan ma' dar li ilha żmien twil magħluqa u li biex terġa tieħu l-ħajja trid tiftħilha t-twieqi kollha, tfarfar u taħsel imma anke tbiddel u tirranġa dak li m'għadux tajjeb. Papa Franġisku nnifsu fl-Eżortazzjoni Appostolika *Il-Ferħ tal-Vanġelu*, jgħidilna kif il-Knisja m'għandhiex tingħalaq fiha nnifisha, imma għandha tkun miftuħa għal ideat ġodda. Fl-istess ħin dawn il-proġetti qed jippreparawna għal żewġ dati importanti. L-ewwel appuntament jiġi fl-2018, fejn niċċelebraw l-400 sena mill-wasla tal-istatwa ta' Marija Bambina fl-Isla. It-tieni anniversarju jaħbat fl-2021 u fih infakkru l-mitt sena mill-inkurunazzjoni tal-istatwa ta' Marija Bambina.

F'dan il-kuntest inbeda r-restawr tal-*Via Sagra*, li hija xogħol tas-Senglean Francesco Zahra, bix-xogħol jitlesta' fuq id-disa' u t-tlettax-il stazzjon. Huwa ppjanat li jiġu rrestawrati madwar żewġ stazzjonijiet fis-sena. Beda wkoll l-istudju fuq ir-restawr tal-Arkivju tal-Bażilika. F'dawn il-manuskritti nsibu miktuba d-dettalji ta' magħmudijiet, żwiġijiet u mwiet ta' eluf ta' Sengleani li ġew qabilna. Dawn il-manuskritti jibdew minn madwar is-seklu sittax-il quddiem u huma fost l-eqdem li hawn f'Malta u jitqiesu bħala testi storiċi ta' importanza kbira.

Sar studju ieħor fuq pittura li tinsab ġewwa l-Awla Kapitulari u li preżentament qed issirilha ħafna ħsara minħabba l-mod ta' kif inhi mwaħħla u minħabba xi nfiltrazzjoni tal-ilma matul is-snin. Ir-restawr ta' din l-pittura ser ilaħħaq madwar it-tmietax-il elf Ewro, u ser jibda fil-ġranet li ġejjin. Fl-istess ħin inbeda x-xogħol fuq il-kaxxarizzi fis-sagristija tal-Bażilika u xi xogħol urġenti fuq il-pitturi, xogħol il-pittur Rocco Buhagiar, li jinsabu fl-istess Sagristija.

Bħalissa wkoll għaddejja l-ħidma fuq il-bejgħ ta' propjetà tal-knisja ġewwa l-Isla, biex bil-fondi miġbura minn dan il-bejgħ ikunu jistgħu jitkomplew dawn il-proġetti u jsiru oħrajn li hemm maħsubin fil-futur. Bħalissa għaddej ukoll studju intensiv, minn esperti fil-qasam, fuq l-istatwa tar-Redentur.

## NIXĦTU ĦARSITNA L-QUDDIEM

Is-sena li ġejja ser tkun waħda impenjattiva ferm għall-membri tal-KPP. Dan minħabba li hemm diversi proġetti li jridu jinbdew. Bla dubju il-prijorità għall-parroċċa issa għandha tkun it-twaqqif tal-Kummissjoni Djakonija. Din ilha snin biex tibda imma issa waslet biex titħejja. Barra minn hekk irid jiġi magħżul u jibda jiltaqa' t-Tim li ser jorganizza l-festa tal-2018. Ma' dawn wieħed irid isemmi l-bidu tax-xogħol fuq sit ġdida tal-Internet għall-parroċċa, u t-tkomplija ta' proġetti ta' restawr, tax-xogħol fuq iż-zuntier tal-knisja u tal-istudju fuq l-istatwa tar-Redentur.



*Xogħol ta' restawr fuq z-zuntier tal-Knisja*

F'dan l-artiklu tajt ħarsa ħafifa lejn il-bidu tal-KPP, min huma l-membri tiegħu preżenti u l-ħidma tiegħu matul din is-sena. Wieħed ma setgħax isemmi dak kollu li sar fil-parroċċa matul is-sena kollha għax la hemm l-ispazju u lanqas kien l-iskop ta' dan l-artiklu. Hawnhekk tajna ħarsa lejn dawk il-proġetti u ideat ġodda li ġew attwati mill-festa ta' Marija Bambina 'l hawn. Fl-aħħar, xħitna ħarsitna 'l quddiem biex naraw wkoll dak li għad fadallu jsir għax il-ħidma ma tieqaf qatt.